MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 352/2002/1

Avviz Nru: 352/02 DM

Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossia syndicates ta' Lloyds li jgibu n-numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780 in konnessjoni ma' polza numru 761 851-011-001 mahrug fit-13 ta' Novembru, 2001 u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali tad-ditta assikuratrici ossia syndicate kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Kurt Loporto u l-istess Kurt Loporto

Vs

Paul Darmanin

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal dik is-somma  li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta danni in segwitu ghall-incident stradali li sehh fi Triq in-Naxxar kantuniera ma Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann fit-2 ta' Frar 2002 bejn karrozza numru GBD-572 misjuqa mill-konvenut u karozza nurmu DAP-929 misjuqa minn Kurt Loporto u assigurata b'polza comprehensive mas-socjeta attrici assiguratrici, previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 t'April 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax min-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza qieghed jigi ddikjarat illi l-ammont pretiz ma jeccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 L-avviz ipprezentat mill-atturi huwa null billi l-atturi ma humiex indentifikati korrettament u dettaljatament u dan peress illi l-isem tal-istess atturi ma jirrizultax la mill-avviz innifsu u lanqas ma jirrizultax minn nota pprezentata fiz-zmien u bil-mod stabilit fil-Kapitolu 403;

2 Fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi l-kollizzjoni meritu tal-kawza grat unikament minhabba t-tort u t-traskuragni tas-sewwieq tal-attur Kurt Loportol

3 Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-digriet tat-13 ta' Marzu 2003 fejn gie nominat Dr Joseph Zammit Mckeon bhala espert legali;

Semghet bil-gurament lil perit legali Dr Joseph Zammit Mckeon fil-21 ta' Mejju 2003;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju, 2003, fejn id-difensur tal-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjonijiet tieghu salv dik li tirrigwarda  r-responsabbilta tal-kollizzjoni in vista ta’ l-fatt li l-atturi ssanaw in-nuqqasijiet.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta ghall-kollizjoni in kwistjoni, rrispettivament minn fejn kienet ezattament provenjenti l-vettura tal-konvenut Paul Darmanin, jirrizulta illi waqt illi l-attur Kurt Loporto kien qed isuq fit-triq principali Naxxar Road huwa sab il-karregjata tieghu mblokkata bil-vettura tal-konvenut li kien qed jipprova jittraversa din il-karregjata billi jidhol go triq laterali li kienet fuq in-naha tax-xellug ta’ Loporto.

Ghalhekk mill-ewwel jidher illi r-responsabbilita principali ghall-kollizjoni in kwistjoni kienet il-manuvra li ghamel il-konvenut Darmanin billi ried jitraversa l-karregjata tat-triq principali, mblokka din il-karregjata bil-vettura tieghu u b’hekk sehhet il-kollizjoni.

Biex jezimi ruhu mir-responsabbilita Paul Darmanin il konvenut irid jipprova sodisfacentement illi, qabel ma beda jaghmel il-manuvra in kwistjoni, huwa kien esplora sew it-triq principali faccata tieghu biex jassigura ruhhu illi b’ebda mod ma kien ser jostakola xi traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Maghmula din l-esplorazzjoni mbaghad huwa kien obbligat illi, **waqt li jibqa attent ghat-traffiku li seta jigi minn fuq ix-xellug,** jaghmel il-manuvra bl-akbar heffa possibli biex inaqqas kemm jista’ jkun il-hin implikat fl-

attraversar tal-karregjata li fiha kien gej Loporto biex, ippruvat dan kollu, l-kawza tal-kollizzjoni ikun is-sewqan eccessiva inaspettat li wasslet lill-Loporto fuq il-post meta ***kien ghadhu ma jidherx*** meta l-konvenut beda il-manuvra.

Il-konvenut, illi jsostni illi huwa ma kienx hiereg minn Mensija Road, imma kien provenjenti mid-direzzjoni opposta tat-triq principali jiddikjara illi meta huwa esplora t-triq principali faccata tieghu qabel ma ghamel il-manuvra huwa ma kien ra ebda vettura gejja mid-direzzjoni opposta u illi waqt li kien biss meta qieghed jittraversa l-karregjata tat-triq principali ntebah bid-dwal ta’ Loporto u bil-hoss tal-‘break’ kif sehhet il-kollizjoni.

L-istess konvenut jiddikjara illi qabel ma beda l-manuvra huwa ma tlajjax infatti ma waqqafx u baqa jdur lejn il-lemin tieghu b’velocita’ ridotta izda ntlaqat kif appena kien diga’ angolat sew lejn it-triq laterali li ried jidhol fiha.

Billi l-konvenut effettivament intlaqat minn vettura gejja mill-faccata tieghu ghandu jirrizulta bilfors jew li ma ghamilx esplorazzjoni tajba tat-triq principali qabel ma nvada l-karregjata ghat-traffiku gej mill-faccata, sakemm ma jirrizultax illi, tant kienet gejja b’velocita’ eccessiva l-vettura misjuq minn Loporto, illi f’dawk il-ftit sekondi illi l-konvenut ha biex ghamel l-ewwel fazi tal-manuvra tieghu ta’ ftit metri l-vettura ta’ Loporto giet minn distanza tant il-boghod li ma kienetx vizibli meta saret l-ewwel esplorazzjoni.

Izda, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-perit legali, jekk wiehed jaccetta l-verzjonji tal-konvenut illi kien gej mill-faccata ta’ Loporto u li, qabel il-manuvra, kien ukoll xi ftit sposta ruhhu lejn il-lemin tieghu, il-vizwali li kellu kienet twassal mhux biss sal-punt minn fejn bdew il-marki tal-‘brake’ imhollija minn Loporto izda twassal ghal distanza ulterjuri li tinkludi wkoll it-‘*thinking distance*’ necessarjament involut sakemm jigi applikat il-‘brake’.

Dan qed jinghad ghaliex l-attur Loporto ma setghax kien izjed il-boghod minn din id-distanza ta xi 70 metri ghaliex

altrimenti wiehed irid ukoll jikkonkludi li, biex f'xi hin ta inqas minn zewg sekondi, li setghu kienu implikati fil-manuvra ta'l-konvenut sakemm dar lejn il-lemin, l-attur, li l-hin kollhu kien taht 'brake', kellhu velocita' inizjali ta iktar minn 150 kfs li ma jirrizultax verossimili mill-provi.

Ghalhekk kienet x'kienet il-velocita' ta' Loporto il-vettura ta' l-istess sewwieq kienet vizibli ghall-konvenut meta kien ftit spostat fuq il-lemin tieghu u ghadu ma bediex il-manuvra. Iktar u iktar kellu jkun vizibbli Loporto meta wiehed jikkonsidra illi kien hin ta' bil-lejl u l-vettura ta' Loporto kellha d-dwal mixghulin.

Ghaldaqstant kienet x'kienet il-velocita' ta' Loporto il-konvenut huwa dejjem principalment responsabbli ghaliex ma ghamilx esplorazzjoni sew tat-triq principali u tal-karregjata tat-traffiku gej mill-faccata tieghu qabel ma ghamel il-manuvra tieghu.

Billi l-istess konvenut jistqarr illi ma ra xejn, allura hawnhekk lanqas si tratta ta xi kalkolu hazin minhabba l-velocita' eccessiva li seta' kellu Loporto, izda din il-verzjoni tal-konvenut timplika bilfors nuqqas ta' esplorazzjoni debita tal-karregjata tat-triq principali qabel mal-konvenut ghamel il-manuvra tieghu.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi tenut responsabbli tal-kollizjoni in kwistjoni.

Izda kemm mid-deposizzjoni tal-ufficjal ta'l-Pulizija li nvestiga l-kaz kif ukoll mill-'brake marks' li halliet il-vettura ta' Loporto fit-triq principali, tenut kont ukoll illi t-tul tal-'brake marks' gie limitat bl-iskontru mal-vettura tal-konvenut, tenut kont ukoll illi l-iskontru kien wiehed qawwi u tenut kont tal-hsara konsiderevoli li soffrew iz-zewg vetturi, jirrizulta illi l-velocita' ta' Loporto kienet definittivament wahda eccessiva li ikkontribwiet sew ghall-kollizjoni kif ukoll ghall-gravita' tad-danni konsegwenzjali.

Ghaldaqstant issib illi l-attur Kurt Loporto huwa responsabbli wkoll ghal din il-kollizjoni, izda huwa l-

konvenut Paul Darmanin li ghandu jitqies principalment responsabbli u l-Qorti qieghda taqsam ir-responsabbilita rispettiva ta' l-istess sewwieqa in kwantu ghal zewg terzi (2/3) lill-konvenut Paul Darmanin u terz (1/3) lill-attur Kurt Loporto.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi d-danni li soffrew l-atturi u li dwarhom jidher li m'hemmx kontestazzjoni huma komplessivament elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250) stante li mill-valur tal-vettura ta' l-attur qabel l-incident kien ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), waqt illi l-valur tal-vettura dannegjata fl-incident kien ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Minn dan l-ammont mija u hamsin lira Maltin (Lm150) baghtihom l-attur Kurt Loporto l-assikurat ma' l-atturi l-ohra in linea ta' 'excess' a bazi ta' polza, waqt li l-kumplament ta' elfejn, u mitt lira Maltin (Lm2,100) batithom il-kumpanija attrici Lloyds Malta Limited fil-kwalita' premessa taghha.

Ghaldaqstant stante li l-konvenut gie ddikjarat responsabbli ghall-kollizjoni fi grad ta' zewg terzi (2/3), tilqa' it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas zewg terzi (2/3) mid-danni likwidati lill-atturi u ghalhekk tikkundannah sabiex ihallas elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) lill-atturi Lloyds Malta Limited nomine u mitt lira Maltin (Lm100) lill-attur Kurt Loporto.

Bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) lill-atturi u zewg terzi (2/3) lill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------